

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Copebi SCA

Konvenut: Établissement national des produits de l'agriculture et de la mer (FranceAgriMer)

fil-preżenza ta': Ministre de l'Agriculture et de l'Alimentation

Dispożittiv

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/402/KE tat-28 ta' Jannar 2009 dwar il-pjanijiet ta' kontinġenza fis-settur tal-frott u l-ħaxix implimentati minn Franza għandha tīgi interpretata fis-sens li tkopri l-għajnuna mhalla mill-Office national interprofessionnel des fruits, des légumes et de l'horticulture (Oniflhor) lill-comité économique bigarreau industrie (CEBI) u attribwita lill-produtturi ta' ċirasa bigarreau għal finijiet industriali mill-gruppi ta' produtturi membri ta' dan il-kumitat minkejja li, minn naħa, dan il-kumitat ma jirriżultax fost it-tmien kumitati ekonomiċi agrikoli msemmija f'din id-deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, din l-għajnuna, kuntrajament għall-mekkaniżmu ta' finanzjament deskrift fl-imsemmija deċiżjoni, kienet iffinanzjata biss permezz ta' sussidji tal-Oniflhor u mhux, ukoll, permezz tal-kontribuzzjonijiet volontarji tal-produtturi.

(⁽¹⁾) ĠU C 364, 8.10.2018

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-27 ta' Mejju 2019 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court, High Court (l-Irlanda) — l-Irlanda) — Eżekuzzjoni ta' mandati ta' arrest Ewropej maħruġa kontra OG (C-508/18), PI (C-82/19 PPU)

(Kawżi magħquda C-508/18 u C-82/19 PPU) (⁽¹⁾)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Mandat ta' arrest Ewropew — Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI — Artikolu 6(1) — Kunċett ta' “awtorità ġudizzjarja emittenti” — Mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-Ufficċċju tal-prosekuzzjoni ta' Stat Membru — Status — Eżistenza ta' rabta ta' subordinazzjoni fir-rigward ta' korp tal-poter eżekkutiv — Setgħat ta' struzzjoni individwali tal-Ministru għall-Ġustizzja — Assenza ta' garanzija ta' indipendenza)

(2019/C 263/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qrati tar-rinviju

Supreme Court, High Court (l-Irlanda)

Partijiet fil-kawża prinċipali

OG (C-508/18), PI (C-82/19 PPU)

Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi C-508/18 u C-82/19 PPU huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat bħala li ma jirreferix għall-Ufficċċi tal-Prosekutur ta' Stat Membru li huma esposti għar-riskju li, b'mod dirett jew indirett, jiġu suġġetti għal ordnijiet jew għal struzzjonijiet individwali min-naħa tal-poter eżekuttiv, bħalma huwa Ministru għall-Ġustizzja, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew.

(⁽¹⁾) ĠU C 364, 08.10.2018.
ĠU C 122, 01.04.2019.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-27 ta' Mejju 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supreme Court — l-Irlanda) — Eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra PF

(Kawża C-509/18) (⁽¹⁾)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Mandat ta' arrest Ewropew — Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI — Artikolu 6(1) — Kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti" — Mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-Prosekutur Ġenerali ta' Stat Membru — Status — Garanzija ta' indipendenza)

(2019/C 263/27)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Qorti tar-rinviji

Supreme Court

Parti fil-kawża prinċipali

PF

Dispożittiv

Il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat bħala li jirreferi għall-Prosekutur Ġenerali ta' Stat Membru li, filwaqt li strutturalment indipendenti mill-ġudikatura, huwa kompetenti sabiex jeżerċita l-prosekuzzjoni kriminali u li l-istatus tiegħi f'dak l-Istat Membru jagħti garanzija ta' indipendenza mill-poter eżekuttiv fil-kuntest tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew.

(⁽¹⁾) ĠU C 364, 08.10.2018.